KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 30 – L-ERBGĦA 17 TA' MARZU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

30.1.1 Ma kienx hemm.

**30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

30.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (29) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

30.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 30.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

30.3.1 Ma kienx hemm.

## 30 .4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

30.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-proġett SLOW STREETS fejn semma li qed jiġi kkompilat id-dokumentazzjoni meħtieġa biex jiġu sottomessi lill-awtoritajiet konċernati. Preżentement, il-Perit ħejja l-pjanti bl-immaniġġjar tat-traffiku propost filwaqt li l-Kunsill lesta wkoll l-ewwel *traffic count survey* li huwa mitlub fl-applikazzjoni. It-tieni *traffic count survey* se jsir meta jitlesta l-proġett ta' Triq il-Wied li qed isir mill-Aġenzija Infrastructure Malta biex b'hekk il-Kunsill ikollu l-istampa reali tat-traffiku (foreign traffic) li jgħaddi mill-qalba tal-Iklin. Is-Sindku kompla jispjega li jkun għad fadal pendent l-konsultazzjoni mar-residenti dwar dan il-proġett propost biex nisimgħu liċ-ċittadin u fl-istess ħin nieħdu r-reazzjoni tar-residenti qabel ma l-istess Kunsill jissottometti d-dokumentazzjoni. Minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti, il-Kunsill ser isib l-aħjar metodu biex nilħqu r-residenti.

30.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ta briefing dwar il-proġett ta' Triq il-Wied. Informa li fil-parti ta' fuq, beda t-twettiq tal-is*carifying* works ta' wiċċ it-triq biex jingħata *sub-base*, u *base course*. Minħabba diffikultajiet li kellu jiffaċċja l-kuntrattur kawża tal-pandemija, il-Kunsill ġie infurmat li kellu jidħol sub-contractor u x-xogħol kellu jsir fil-ħinijiet ta' filgħaxija sa tard bil-lejl. Informa li rċieva numru ta' ilmenti mir-residenti għal dan ix-xogħol u reġa kellu jintervjeni biex ma jsirux xogħlijiet ta' din in-natura fil-ħinijiet tal-mistrieħ. Semma wkoll l-ħsejjes eċċessivi u l-vibrazzjonijiet li ntużaw fil-proċess fejn numru ta' residenti kienu ferm preokkupati bit-theżżiż fir-residenzi privati tagħhom. Informa li l-Aġenzija Infrastructure Malta kienet infurmata dwar dan permezz ta' korrispondenza li kienet għaddejja mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Ikkonkluda li kien qed jittama li x-xogħol jaqbad ir-ritmu biex il-proġett jiġi konkluż fil-ġimgħat li ġejjin.

30.4.3 Bil-permess tas-Sindku, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo infurmat lill-preżenti li ġejna avviċinati biex il-Kunsill joffri l-ispazju tas-Sala tal-Kunsill biex tingħata l-vaċċinazzjoni biex jitħaffef il-proċess. Infurmat li rappreżentant mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika spezzjonaw il-post biex jaraw il-loġistika u jekk l-ispazju offrut huwiex suffiċċjenti biex dan il-post jiġi trasformat temporanjament fi klinika. *Nem con*.

30.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-kawża li għandu l-Kunsill dwar il-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Richard Taylor, fejn qal li saret l-ewwel seduta nhar id-9 ta' Marzu. Fakkar li l-Kunsill wara li kien lesta proġett ta' ri-kostruzzjoni mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ, is-sidien li għandhom ir-raba' aktar 'il fuq fetħu kawża kontra l-Kunsill għax l-għalqa m'għandhiex aċċess u fejn qed jgħidu li kien hemm apertura li tagħti għal passaġġ li jinsab fir-raba' ta' terzi. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ottjena l-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru x-xogħlijiet u dak li ġie esegwit kien li jġib il-ħajt lura fl-istat oriġinali tiegħu. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien ġieb il-kunsens tas-sidien tar-raba biex il-kuntrattur tal-Kunsill jikkonfina l-ħajt kif kien mingħajr ebda ftuħ. Il-każ ikompli u nistennew l-eżitu tal-Onorabbli Qorti biex jogħġobha tiddeċiedi din il-kawża.

30.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li sa fl-aħħar kienet ser isir laqgħa mall-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar flimkien ma' rappreżentanti mill-Environment and Resources Authority dwar il-każi li feġġew f'Novembru u Diċembru li għadda dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin. Is-Sindku fakkar ukoll fl-istqarrija li kien ħareġ il-Kunsill f'Novembru li għadda dwar il-konċernament tal-Kunsill minħabba l-irwejjaħ xejn pjaċevoli li jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna. Is-Sindku żied jgħid li din kienet prijorità assoluta għal Kunsill biex tiġi ndirizzata din il-materja u dan biex nissalvagwardjaw mhux biss l-interess tar-residenti imma aktar minn hekk is-saħħa tal-persuni.

Kien għalhekk li s-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex min ikun jixtieq jattendi għal din il-laqgħa, jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.

Fil-frattemp, il-Kunsill kien mistieden mill-Environment and Resources Authority biex bħala *key air quality stakeholder* jissottometti rapport lil Environment and Resources Authority dwar is-sitwazzjoni fl-Iklin.

Semma kif il-Kunsill permezz tal-Konsulenti tal-Kunsill ġie ppreżentat rapport lil ERA għaliex qal li siti industrijali viċin wisq tal-abitat joħolqu problemi għas-saħħa tal-individwu kif ukoll inkonvenjenti serji oħra bħal ħsejjes u passaġġ ta' makkinarju goff minn żoni purament residenzjali.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar ser ikun qed jikkollabora mal-Awtorità ERA biex jippreparaw Air Quality Plan *in accordance with EU's Ambient Air Quality Directive.*

30.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-inċident li kien inqala fi Triq il-Bruka fejn ikkollassat parti mit-triq u għamlet danni f'residenza privata fl-istess triq. Kif is-Sindku kellu l-opportunità jispjega fis-seduti preċedenti, kellu jitlob l-assistenza legali biex flimkien mal-Aġenzija Infrastructure Malta tinstab soluzzjoni b'mod amikevoli. L-ispejjeż tal-ħsarat kienu laħqu circa Eur17K. Wara laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet kollha, sar qbil li l-ispiża tinqasam bejn tliet partijiet u b'hekk tiġi evitata kawża l-Qorti. Is-Sindku ikkonkluda li saret skrittura u l-pagament tal-Kunsill ikun *full & final settlement*.

30.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li negozjant fl-Iklin għadda komunikazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv dwar id-diffikultajiet li qed jiffaċċja dan l-operatur fl-Iklin preċiżament fi Triq Ġużeppi Calleja minħabba l-parkeġġ. Informa li xhur ilu, il-Kunsill kien ipprovda sinjal biex ir-residenti jkunu prudenti u jirrispettaw l-attività kummerċjali ġestita minn dan l-istore/garage. Informa wkoll li l-parking slot ta' quddiem store/garage huwa mmarkat bl-abjad u dan jagħmilha aktar diffiċli għall-operatur biex iħott/jgħabbi u jipparkja l-vettura fil-garage. Wara diskussjoni, kien deċiż li għandha ssir spezzjoni fl-imsemmi store/garage bil-preżenza ta' Uffiċċjal tal-Komunità u fl-eventwalità li r-rappreżentant tal-Kunsill jikkonferma dak li qed isemmi l-applikant, il-Kunsill jagħmel reviżjoni tal-parkeġġ u jikkoreġi l-marki taż-żebgħa.

## 30.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

30.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar ilment li deher fuq il-media soċjali fejn qed jilmentaw li fi Triq Erin Serracino Inglott via Triq Għargħur m'hemmx *litter bins* u kulħadd jarmi mal-art.

Staqsa jekk il-Kunsill jistax jinvesti f'*litter bins* f'din iż-żona. Filwaqt li jemmen li rridu nkomplu bil-kampanji ta' edukazzjoni, min-naħa l-oħra jemmen li l-Kunsill għandu jisma t-talba taċ-ċittadini u nipprovdu kontenituri biex l-ambjent tal-madwar jinżamm nadif.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li filwaqt li jifhem ċertu sitwazzjonijiet, ried ifiehem li fi Triq Erin Serracino Inglott via Triq Għargħur mhiex popolata bir-residenzi u għaldaqstant tispiċċa vittma għal kull tip ta' skart li ħafna mid-drabi jkun skart goff u skart ieħor (kostruzzjoni). Is-Sindku wieġeb li ma jsibx oġġezzjoni biex jintroduċi litter bin f'din iż-żona biex nakkomodaw liċ-ċittadini.

Il-Kunsillier Godwin Catania issuġġerixxa li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel akkwist ta' *litter bin*, nassiguraw li jkunu reċipjent a favur l-ambjent u ma jkunx jippermetti li jintrama boroż bl-iskart għax jintilef l-iskop. Id-dijametru m'għandux ikun akbar minn 40cm biex ir-reċipjent ikun purament iddisinjat għal skart riċiklabbli.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien kontra l-kunċett li jipprovdi *litter bins* u fakkar li l-Kunsill kien neħħa *litter bins* mil-lokalità għaliex kienu sar miżbliet żgħar. L-esperjenza tal-passat għallmet lill-Kunsill biex jelimina l-bins minħabba l-konsegwenzi u l-perikli li jġibu magħhom.

Żied jgħid li jekk il-Kunsill ser jibdel il-politika tiegħu dwar l-immaniġġjar tal-iskart, ikun jaqbel li l-Kunsill jaħseb b'mod ħolistiku għaliex jibdew jikkropjaw talbiet għal *bins* madwar il-lokal kollu.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo b'esperjenza twila fil-Kunsill ikkonfermat li meta l-Kunsill kien investa f'numru ta' *litter bins*, dawn kienu jispiċċaw b'kull tip ta' skart tant li l-Kunsill kien iddeċieda li jitneħħew.

Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ippropona li jsir akkwist ta' tliet *litter bins* li għandhom iservu bħala proġett pilota. Indika Triq Erin Serracino Inglott, Triq Għargħur u ieħor fi Triq in-Namur fejn semma li dawn huma tliet toroq li għalkemm jirrisiedu ftit residenti, fl-istess ħin huma toroq li r-residenti tal-lokal jużawhom għall-passiġġjati. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill se jkun qed jara x'hawn fis-suq qabel ma jsir l-akkwist.

30.5.2 Il-Kunsillier Godwin Catania informa lill-preżenti li kien avviċinat minn resident fl-Iklin li kien lest joffri mill-ħin tiegħu biex jagħmel numru ta' sessjonijiet għat-tfal, żgħażagħ u l-adulti fl-Iklin t-teknika u l-ingredjenti kollha kif tibni presepju.

Is-Sindku Dott. Sciberras jilqa b'idejh miftuħa din l-inizjattiva għaliex is-servizz tal-volontarjat hu għażla li tiftaħ lill-bniedem għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Naturalment, nitkellmu wara li tkun għaddiet il-pandemija COVID-19.

## 30.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

30.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-17 ta' Frar 2021 u l-15 ta' Marzu 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

30.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 335/21. Katalgu dwar apparat ta' *playground & urban furniture*.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill qed isegwi mill-qrib ir-rapporti ta' kull xhar li jirċievi l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand l-engineer dwar il-kundizzjoni tal-*playingfield*. Żied jgħid li ser ikun qed jesplora l-possibiltà ta' titjib għall-benefiċċju tat-tfal li jiffrekwentaw dan il-*playingfield*.

30.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Sciberras staqsiet dwar korrispondenza nru. 392/21. *Social study at Iklin*. Il-Kunsill ser iniedi proġett flimkien mal-Università ta' Malta biex isir *needs analysis* tal-komunità fl-Iklin. Laqgħa skedata għal nhar it-23 ta' Marzu mall-Fakultà biex naraw it-triq 'il quddiem.

30.6.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 408/21. *Switching off lights for Earth Hour 60+*. L-Avveniment 60+ huwa moviment mad-dinja kollha tal-WWF biex iħeġġeg lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, normalment l-avveniment jinkludi tifi ta' dwal bejn it-20.30hrs u d-21.30hrs ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra.

Is-Sindku Dott. Sciberras qed jittama li fil-futur qarib, il-Kunsill jidentifika l-ewwel *landmark* f'din il-leġiżlatura l-ġdida li tkun tista tintuża għal dan l-iskop.

30.6.5 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 441/21. Talba għal laqgħa urġenti mal-Onorevoli Dott. Aaron Farrugia dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li kien irrelata dwar din il-materja fil-Komunikazzjoni tas-Sindku.

30.6.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 468/21. Reviżjoni tal-prezzijiet fil-prodotti tal-ikel tal-qtates. Fil-preżent, il-Kunsill qed jipparteċipa fi skema li ħareġ id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u naturalment il-Kunsill qed jixtri l-ikel mingħand fornitur biex l-istess Kunsill ikun jista jforni proviżjon ta' ikel lill-*cat feeders* fl-Iklin. Din hija esperjenza ġdida għall-Kunsill Lokali L-Iklin u kien eliġibbli għal din l-iskema wara li ssottometta applikazzjoni u fejn ġie iffirmat ftehim bejn LC CARE Project Committee u l-Kunsill Lokali L-Iklin. Il-Kunsill qed jibbenifika minn fond għall-ħarsien tal-annimali li jgħixu f'ambjent residenzjali.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li din kienet inizzjattiva oħra ta' dan il-Kunsill li identifika numru ta' *cat feeders* fl-Iklin biex inkunu nistgħu nagħtuhom l-appoġġ u s-sostenn fejn meħtieġ. Huwa stmat li qed jiġu mitmugħa mal-ħamsin qattus skont l-informazzjoni li rnexxielu jikseb il-Kunsill. Żied jgħid lill-preżenti biex jippromwovu wkoll is-servizz ta' *neutering* fejn il-cat feeders ikunu jistgħu jottjenu *vouchers* mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill biex jagħmlu użu mis-servizz ta' *male castration* u *female spay*.

**COMPLAINTS SHEET (17 ta' Frar 2021 - 15 ta' Marzu 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 | 17/02/2021 | Ilment dwar cables mitfugħin mal-art fi Triq iż-Żebbuġa c/w Triq il-Ħarruba. | pending | Triq iż-Żebbuġa | **GO** |
| 43 | 17/02/2021 | Ilment dwar mera imdawwra fi Triq S Erardi c/w Triq Ċ Bugeja | settled | Triq S Erardi | **COUNCIL** |
| 44 | 19/02/2021 | Hemm bozza maqtugħa fuq l-ewwel arblu faccata tal-knisja. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **KUNTRATTUR** |
| 45 | 24/02/2021 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu quddiem no. 40, Our Bonk, Triq Ċensu Bugeja. | closed | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 46 | 25/02/2021 | Ħafna ilmenti dwar ġbir ta skart | pending | żoni differenti | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 47 | 26/02/2021 | Talba biex titneħħa tabella safra fejn 45 Triq G Abos | pending | 45, Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 48 | 03/03/2021 | ilment dwar siġar biex jinżabru fi Triq Dun Karm ħdejn tal-lottu | pending | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 49 | 10/03/2021 | Kollass ta' ħitan ta' sejiegħ fit-Triq Il-Wied | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 50 | 10/03/2021 | Bozza fuq arblu tixgħel u titfi quddiem 43, Triq Stefano Erardi | settled | Triq Stefano Erardi | **ENEMALTA** |
| 51 | 15/03/2021 | Hemm id-dwal ta' barra ta' Triq il-Wied mhux jixgħel | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 52 | 15/03/2021 | Waqa' parti mill-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |

## 30.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

30.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

30.7.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar il-pagament nru. 11 bl-ammont ta' Eur5,671.33c għal danni li saru f'residenza privata bil-kollass ta' parti minn Triq il-Bruka.

Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar li ftit tal-ġimgħat ilu kienet ċediet parti minn Triq il-Bruka bil-konsegwenza li għamlet ħsara f'residenza privata. Fuq parir legali, u wara li kien iltaqa' mall-partijiet l-oħra inkluż l-Aġenzija Infrastructure Malta, kien hemm qbil li jsir *out of court settlement* u l-pagament ikun *full and final*. *Nem con*.

30.7.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar il-pagament nru. 37 bl-ammont ta' Eur4,071.10c għal spejjeż legali fil-kawża li fetħu sidien tar-raba 'l fuq minn Triq Richard Taylor. Is-Sindku spjega dwar dan fil-komunikazzjoni tas-Sindku u fejn il-Kunsill kellu jirrikorri għal servizzi legali f'din il-kawża. Is-Sindku informa li jekk l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi a favur il-Kunsill, l-ispejjeż nirkuprawhom. *Nem con*.

30.7.4 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

30.7.5 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 30.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

30.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

30.8.2 Applikazzjoni - PA 01537/21 Triq ir-Razzett l-Aħmar L-Iklin – Sanctioning of restoration of existing pre-1967 rubble walls, sanctioning of soil deposition over existing field. Sanctioning to demolition of pre-1967 walls for widening and realignment of right of way and deposition of concrete for safe passage to third party property. Proposed restoration/reconstruction of existing pre-1967 rubble walls, demolition of existing rubble wall to form better parcelling of land, deposition of new soil over existing field, including formation of new soil levels, installation of new timber gates.

30.8.3 Applikazzjoni PA 01247/21 25/27 Triq Karmenu Vassallo L-Iklin 'Alterations to building as approved in PA 5760/20 and addition of apartment and two penthouses'.

30.8.4 Applikazzjoni PA 00739/21 – 51 Gattalone, Triq il-Wied, Triq Carmelo Pace, L-Iklin – 'Alterations to villas located at front and rear of site covered by PA 9229/18 and PA 839/19 respectively. Works include sanctioning of basement structures below front curtilage of rear villa in lieu of backfill material which collapsed during excavation works permitted by PA 9229/18. Other alterations include relocation of pool to basement and minor internal Works.

30.8.5 Applikazzjoni PA 08981/20 – 108, Thyme, Triq Ġeronimo Abos L-Iklin – 'To carry out alteration on first and second floor and construct 2 additional floors, subdividing existing maisonette into 3 apartments and 1 penthouse.

30.8.6 Applikazzjoni PA 00974/21 – 49, Triq il-Wied, L-Iklin – 'To sanction changes from approved permit PA 02497/14. These include additional basement floor; reconfiguration of rooms and staircase at semi-basement level, minor alterations at elevated ground floor level including pool size, landscaping scheme and apertures; and correction of site perimeter. Also, to propose construction of entrance staircases to semibasement and elevated ground floor level.

## 30.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ IL-WIED

30.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar dan is-suġġett fil-Komunikazzjoni tas-Sindku. Informa li l-Kunsill kien kontinwament f'komunikazzjoni mal-Aġenzija Infrastructure Malta biex iwassal il-vuċi tar-residenti dwar l-imsemmija triq. Is-Sindku qal li kien konxju tal-fatt li r-residenti jkunu frustrati minħabba l-inaċċessibilità, nuqqas ta' informazzjoni dwar il-programm tax-xogħlijiet, l-immaniġġjar tat-traffiku, ħsejjes tal-inġenji u d-dewmien biex jitlesta l-proġett.

Min-naħa l-oħra, l-Kunsill ried jassigura li titjieb l-infrastruttura bit-tibdil ta' servizzi fosthom *sewer main* minn Triq il-Bruka 'l isfel, l-implimentazzjoni ta' *storm water culverts*, l-implimentazzjoni ta' *pelican lights*, implimentazzjoni ta' Bus Shelter, konsolidament tal-*foundations* tat-triq peress li fil-maġġor parti tagħha t-triq kienet mibnija fuq it-turbazz, testijiet permezz ta' CCTV fis-sistemi tad-drenaġġ minħabba sadd, *plate bearing tests* biex ikun assigurat li qabel ma jingħata l-asfalt, isiru l-interventi neċessarji f'partijiet partikolari tat-triq permezz ta' materjali biex issir sodda tajba tal-konkos u xogħlijiet oħra utli qabel ma jingħata *sub base, base course* u *wearing*.

Ma' dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill kien ippreżenta *design landscape scheme* biex tiġi implimentata fil-parti t'isfel ta' Triq il-Wied k/m Triq l-Awrikarja. Huwa maħsub ukoll li ssir *soft landscaping* bis-sistema tal-irrigazzjoni biex noħolqu spazju sabiħ bis-siġar u xitel bħal rosmarinus, lavandula, salvia u siġar taż-żebbuġ u tar-rand biex

noħolqu ambjent aktar ekoloġiku. Is-Sindku fakkar li din kienet proposta tal-Kunsill u t-talba ntlaqgħet mill-Aġenzija Infrastructure Malta.

Fil-preżent, qed isiru laqgħat ma' diversi kuntratturi esperti f'dan il-qasam u saru wkoll laqgħat ma' entitajiet oħra fosthom il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Sintendi biex titħaddem is-sistema tal-irrigazzjoni, il-Kunsill se jkollu bżonn *supply* ta' dawl għat-tisqija li tkun regolata *b'timer*. Peress li preċiż wara din il-qata ħamrija, hemm il-kamra tal-borhole III, il-Kunsill qed jipprova jasal fi ftehim mall-Koporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex inkunu nistgħu nieħdu *supply* minn din il-kamra. Is-Sindku ikkonkluda li d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin u persważ li jintlaħaq ftehim biex isir dan it-tisbiħ. Hemm ħafna xogħol li jkun għaddej però mhux neċessarjament ikun qed jidher.

Il-Kunsill investa ħafna ħin matul din l-aħħar sena fuq dan il-proġett minkejja li r-riżorsi tal-Kunsill huma limitati. Qed nippruvaw inwasslu l-ilmenti tar-residenti lill-Aġenzija kull darba li tinqala l-ħtieġa u dan qed nagħmlu b'responsabbiltà. Nittamaw li fil-ġimgħat li ġejjin jiġi konkluż dan il-proġett kapitali fl-Iklin.

## 30.10 AĠĠORNAMENT DWAR IL-KUNDIZZJONI TAT-TRIQ FI TRIQ IL-BRUKA

30.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill kien talab formalment lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex issir l-asfalt tat-triq minħabba l-istat diżastruż tat-triq.

Fid-diskussjonijiet, kien intlaħaq kompromess li l-Kunsill jipprovdi stima bil-Perit tax-xogħlijiet biex l-Awtorità tikkunsidra tinkludi dan il-proġett fil-programm tax-xogħol tal-Awtorità.

Fiż-żmien li kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet, il-Kunsill kien infurmat biex l-asfalt tat-triq issir bil-kuntrattur tal-Kunsill a spejjeż tal-Awtorità.

Fil-frattemp, twaqqfet l-Aġenzija Infrastructure Malta u d-diskussjonijiet waqqfu hemm. Il-kundizzjoni tat-triq ma kenitx waħda tajba tant li r-residenti li kienu jirrisiedu

f'din it-triq, kemm-il darba irreġistraw l-ilmenti dwar l-istat diżastruż li kienet fiha t-triq. Il-Kunsill kompla bid-diskussjonijiet ma' din l-Aġenzija IM u grazzi għall-pressjoni u l-persważjoni mill-Kunsill, it-talba ġiet milqugħa.

Il-Kunsill ġie infurmat li wara li jitlesta l-proġett ta' Triq il-Wied, ser jibda x-xogħol tal-asfalt fi Triq il-Bruka.

**30.11 PROĠETT ANZJANITÀ ATTIV U KURA FIL-KOMUNITÀ U XOGĦLIJIET FIS-SALA TAL-KUNSILL**

30.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-Pjan ta' Ħidma hemm ukoll ippjanat li jsir Active Ageing Centre fis-Sala tal-Kunsill bil-kollaborazzjoni ma' Active Ageing and Community Care. F'dan il-proġett, se jkun qed jissieħeb l-Kunsill Lokali Ħal Balzan.

Is-Sindku kompla billi qal li biex invaraw dan il-proġett, jeħtieġ li jsiru xi modifikazzjonijiet fis-Sala tal-Kunsill biex tkun aċċessibbli għal kulħadd, u ssir *kitchenette*. Semma wkoll li kien għadda kopja tal-kuntratt għall-interess tal-Kunsillieri preżenti. Is-Sindku semma wkoll li x-xogħlijiet li jsiru skont l-*ispecifications* tal-KNPD u skont l-istandards ta' social Care Standards Authority għalhekk important li l-Kunsill jobbliga ruħu li l-post ikun konformi mal-istandards.

Imbagħad is-Sindku ippreżenta *layout* tas-Sala għall-interess tal-Kunsillieri preżenti biex jispjega aħjar ix-xogħol li jrid isir.

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

Imbagħad ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw il-layout u jawtorizzaw l-ispejjeż għal dawn ix-xogħlijiet.

Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

## 30.12 SKEMA FINANZJARJA GĦAL AVVENIMENTI LI HUMA SOĊJO-KULTURALI U SKEMA FINANZJARJA GĦALL-PROĠETT 'SPINNING PHOTOS'

30.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Ċentru kien ħareġ skemi li ġew diskussi f'seduti preċedenti u peress li l-Kunsill ma kienx għad kellu proposta tajba biex japplika taħt dawn l-iskemi, qed jipproponi lill-Kunsill biex naħtfu din l-opportunità u napplikaw taħt dawn l-iskemi għar-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill. Żied jgħid li taħt l-iskema finanzjarja għall-avvenimenti soċjo-kulturali, il-Kunsill ma setax jerġa japplika għall-Festa Fjuri peress li kellna fondi pparkjati minn skema oħra li kienet nediet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li l-fond ta' Eur10K għall-avvenimenti soċjo-kulturali jistgħu jiġu utilizzati għas-sala tal-Kunsill biex isir ir-rinnovar li hemm bżonn biex eventwalment il-Kunsill iniedi programmi soċjali, edukattivi u dawk kulturali. Rigward l-iskema finanzjara nru. 11/2020 għall-proġett 'Spinning Photos', il-Kunsill ma jistax japplika għall-proġett ieħor ma' 'Spinning Photos' sabiex isiru knejjes, kappelli jew xi post storiku għax ir-raħal m'għandux aktar kappelli u għaldaqstant nitolbu lir-Reġjun biex il-fondi jiġu utilizzati wkoll għar-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill. Skont il-Perit, trid issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru alterazzjonijiet, jinbidel il-bieb tas-Sala, bathroom – Access for all, partitioning u kitchenette. B'dan il-mod, ikun jista jippjana biex iwettaq dawn ix-xogħlijiet.

30.12.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ikkummenta u qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jinvesti fit-tul.

30.12.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ikkummentat u qalet li kien important li jsiru x-xogħlijiet biex il-Kunsill ivara l-proġett tal-Anzjanità Attiv.

30.12.4 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex napplikaw għal dawn iż-żewġ skemi bl-iskop li tiġi rrinovata s-Sala tal-Kunsill.

30.12.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

**30.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

30.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fil-5.30 pm.

30.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fil-5.30 pm.

30.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.34 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |